MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 910/2005

**Transmec Services Limited
(C-6952)**

**Vs**

**Silvio Camilleri – Karta ta’ l-Identita’ Nru. 243772(M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ elf mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1,274.78c) rapprezentanti l-valur ta’ materjal ghall-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut.

Nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluza Ittra Ufficjali datata 18 ta' Frar, 2005, il-konvenut baqa' nadempjenti u ma hallasx dak minnu dovut lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 18 ta' Frar, 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u bl-imghax legali dekoribbli mis-26 t'Awissu, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Joe Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------